**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 893/2020 AF**

**Malik Mohamdreda B Hanka**

**vs**

**Administration Investment Management Services Limited (C-19809)**

**u**

**IAS Limited (C-19809)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Malik Mohamdreda B Hanka, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fit-18 ta' Awwissu 2018, l-attur u s-socjetà konvenuta IAS Limited, ffirmaw konvenju (Dok. MH 1) ghal bejgh u trasferiment tal-proprjetà 18, Bellavista Court B, Bellavista Street, San Gwann. Fil-konvenju s-socjetà konvenuta IAS Limited obbligat ruhha li tittrasferixxi din il-proprjetà lill-attur sat-30 ta' Gunju 2019.

Il-konvenju kien gie estiz sat-30 ta' Gunju 2020 (Dok. MH 2).

Jirrizulta li l-proprjetà ma kienitx ta' IAS Limited, izda kienet tas-socjetà konvenuta Administration Investment Management Services Limited.

Fl-1 ta' Lulju 2020 il-partijiet ffirmaw skrittura (Dok. MH 3), fejn is-socjetà konvenuta Administration Investment Management Services Limited obbligat ruhha thallas lill-attur mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100) f'kaz li ssir kuntratt ma jsirx sal-31 ta' Lulju 2020.

Fit-3 ta' Awwissu 2020 is-socjetajiet konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu s-somma hawn fuq imsemmija permezz ta' ittra ufficcjali (Dok. MH 4).

L-imsemmi ammont mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100) huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt, mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti u ghalhekk fil-fehma tas-socjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjetà rikorrenti, s-socjetà konvenuti m'ghandhiex eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma thallasx mill-bastiment konvenut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjarahom debituri lejn l-atturi ghas-somma ta' mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100);

3. Jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100), oltre l-imghax legale.

Bl-ispejjez, inkluz l-ittra ufficcjali tat-3 ta' Awwissu 2020 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li saret lilhom id-debita notifika tal-kawza ebda wahda mis-socjetajiet intimat ma kienet rapprezentata fl-udjenza biex twiegeb ghall-kawza.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi Administration Investment Management Services Limited u IAS Limited huma debituri ta' Malik Mohamdreda B Hanka fl-ammont ta' mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Administration Investment Management Services Limited u IAS Limited ihallsu lil Malik Mohamdreda B Hanka is-somma ta' mija u wiehed u sebghin elf u mitt Ewro (€171,100), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jtihallsu mill-intimati in soldium bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG